MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 1837/2001/1

**Heritage Estates Limited**

**v.**

**Avukat Dottor Victor Ragonesi**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fid-29 ta' Novembru, 2001 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili s-socjeta` attrici

ppremettiet illi l-konvenut ipprezenta citazzjoni fl-ismijiet *Avukat Dottor Victor Ragonesi vs Albert Stagno Navarra u Perit Frank Giordmaina Medici f'isimhom proprju u bhala Diretturi u ghan-nom ta' Heritage Estates Limited (Citaz. Nru: 771/01GCD)* fejn talab illi dik il-Onorabbli Qorti (1) tordna illi l-kawza tigi trattata bid-dispensa tas-smiegh ghat-terminu ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 u (2) tikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine jirrifondu lill-attur is-somma ta' LM40,000 lilhom imhallsa ghat-trasferiment tal-penthouse u garage fil-blokk "Sunrise Court", Triq Tamar, Qawra, San Pawl il-Bahar kif miftiehem fil-konvenju tal-10 ta' Marzu, 2000, liema trasferiment ma sarx ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuti flimkien bl-interessi legali mit-28 ta' Marzu, 2000, liema somma hija dovuta lill-attur in forza ta' l-akkwist ta' drittijiet u assenjazzjoni fuq riferiti. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar 2001 u tar-rikors tad-19 ta' Jannar 2001; illi b'sentenza tas-26 ta' Gunju, 2001 din l-Onorabbli Qorti ddecidiet billi laqghat it-talba maghmula fic-citazzjoni limitatament kontra Heritage Estates Limited bl-ispejjez, u ordnat li l-kawza tkompli miexja kontra l-konvenuti l-ohra; illi permezz ta' ittra data (sic) 5 ta' Lulju 2001 b'risposta ghall-interpellazzjoni, ghall-hlas in forza tas-sentenza *in parte* fuq citata dapparti tal-konvenut odjern, l-atturi odjerni infurmaw lill-attur li huma kien b'hsiebhom jappellaw mill-istess sentenza fuq citata; illi effettivament l-atturi odjerni fit-13 ta' Lulju, 2001 intavolaw appell ghas-sentenza fuq citata, liema appell gie debitament notifikat lill-attur appellat l-Avukat Dottor Victor Ragonesi; illi nonostante dan kollu l-konvenut odjern fis-16 ta' Lulju, 2001 pprezenta rikors li permezz tieghu talab illi in forza tas-sentenza fuq citata, cioe` sentenza in parte, isir il-bejgh in subbasta tas-segwenti proprjeta ta' l-istess socjeta` attrici odjerna u cioe` ta' (1) porzjon diviza ta' art maghrufa "Ta' San Giusepp" jew "Ta' Sqaq il-Fniek", Santa Venera tal-kejl approssimattiv ta' 224 metri kwadri u (2) appartamenti (sic) internament immarkat bin-numru 3, formanti parti minn block ta' appartamenti bl-isem "Stanbridge Court", numru 25, High Street, Sliema u spazju ghall-parkeggar ta' karozza li jgib in-numru 6, liema spazju jinsab taht l-istess block; illi b'digriet tat-22 ta' Ottubru, 2001 fl-atti tas-subbasta numru 48/2001 fl-ismijiet

*Dr. Victor Ragonesi vs Albert Stagno Navarra et pro et noe* gie ffissat il-jum tal-Hamis 6 ta' Dicembru 2001 mid-9.00a.m. sa nofs in-nhar ghall-bejgh bl-irkant ta' l-immobbli fuq imsemmija; illi l-procedura tas-subasta fl-atti tas-subbasta numru 48/2001 fl-ismijiet *Dr. Victor Ragonesi vs Albert Stagno Navarra et pro et noe* huma ntempestivi u nulli stante illi s-sentenza hemm citata ghada *sub judice* stante din l-istess sentenza giet appellata entro t-terminu stabbilit mill-ligi permezz tar-rikors ta' l-appell pprezentat mis-socjeta` Heritage Estates Limited fit-13 ta' Lulju 2001; illi r-rikors promotur tas-subbasta fuq citata huwa wkoll kontra d-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) stante li s-sentenza hemm citata u in kwistjoni ghada *sub judice* u kwindi din l-istess sentenza ma tistax tigi ezegwita jekk mhux bil-permess *ad hoc* tal-Qorti wara li din tkun specifikatament intalbet hekk u dana kif stipulat fl-Artikolu 266 *et seq* ta' l-istess Kap12; illi l-fuq imsemmija procedura ma gietx segwita fl-ebda mument mill-konvenut odjern li *di piu* fir-rikors promotur tieghu fl-ebda stadju ma semma' jew gab a konjizzjoni tal-Qorti l-fatt illi s-sentenza in kwistjoni hija *sub judice* u dana nonostante li r-rikors promotur tal-konvenut odjern ghas-subbasta in kwistjoni kien gie pprezentat wara li kien gie ntavolat l-appell fuq citat; wara li ppremettiet dan kollu s-socjeta` attrici talbet lil dik il-Qorti sabiex:-

1. tiddikjara nulli u bla effett l-proceduri tas-subbasta numru 48/2001 fl-ismijiet *Dr. Victor Ragonesi vs Albert Stagno Navarra et pro et noe* in vista tal-fuq premess u kif jigi ahjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi mis-socjeta` attrici fl-atti tas-subbasta fuq imsemmija kontra l-konvenut li wkoll gie ngunt ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fid-29 ta' Jannar, 2002 il-konvenut eccepixxa:-

1. Illi, skond il-ligi, sentenza tigi esegwita minn min tkun ghalih favorevoli;

*2.* Illi s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament presieduta, nghatat limitatament kontra s-socjeta` attrici, fis-26 ta' Gunju 2001.

*3.* Illi l-ligi tippermetti li dik is-sentenza tigi esegwita mill-eccipjent li, fil-process li nghatat, kien l-attur.

*4.* Illi din l-Onorabbli Qorti, meta tezamina r-rikorsi maghmula mill-eccipjent, tikkonstata li fihom gie dikjarat li s-sentenza kienet inghatat in parte u fil-konfront tas-socjeta` f'dan il-process, u talab li tigi esegwita biss kontra s-socjeta` attrici fil-presenti kawza.

*5.* Illi l-ittra tal-5 ta' Lulju 2001, mibghuta mid-difensur tas-socjeta` attrici, ma tikkostituix appell mis-sentenza tas-26 ta' Gunju 2001, u l-eccipjent ma kellu ebda impenn jew dover legali li jiddesisti milli jitlob lill-Qorti tawtorizzah jesegwixxi s-sentenza a favur tieghu, specjalment bil-mod kif fisser u talab fil-Qorti ghall-approvazzjoni ta' l-esekuzzjoni ta' l-istess sentenza billi tordna li l-fondi, specifikati fl-istess rikors, jimbieghu in subbasta.

*6.* Illi l-proceduri segwiti mill-eccipjent ma kienu b'ebda mod nulli legalment ghaliex, fil-konfront tieghu, is-sentenza tas-26 ta' Gunju 2001, ma kienitx "sub judice".

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija fl-20 ta' Marzu, 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet attrici u ordnat li, minhabba c-cirkostanzi, <u>l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet</u>, u dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet li qed jigi riprodotti hawn taht ghall-ahjar intendiment ta' din is-sentenza:
"Illi, fil-qosor, is-socjeta' attrici qed tilmenta minn proceduri ezekuttivi li l-konvenut ha kontra taghha wara sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju 2001, fil-kawza fl-ismijiet inversi b'citazzjoni numru 771/01. F'dik is-sentenza, din il-Qorti, kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo, kienet ikkundannat lis-socjeta` konvenuta (attrici f'dawn il-proceduri) thallas lill-attur (il-konvenut odjern) is-somma ta' LM40,000, bl-imghaxijiet legali, u bl-ispejjez

tal-kawza. Is-socjeta` allura konvenuta, kienet, fit-13 ta' Lulju, 2001, interponiet appell kontra dik id-decizjoni, fil-waqt li l-attur fis-16 ta' Lulju, 2001, kien ressaq rikors fejn talab il-bejgh bis-subbasta ta' proprjeta` tas-socjeta` in esekuzzjoni tas-sentenza tas-26 ta' Gunju, 2001. Is-socjeta` attrici qed titlob dikjarazzjoni li l-proceduri ta' subbasta iniziati kontra taghha bir-rikors tas-16 ta' Lulju, 2001, huma nulli peress li l-konvenut ma kellu ebda titolu ezekuttiv f'idejh, izda biss decisjoni ta' din il-Qorti li kienet pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

"Il-proceduri ta' subbasta huma mezz kif persuna tenforza titolu ezekuttiv li jkollha favur taghha, u l-Artikolu 252 tal-Kap 12, jiddisponi b'mod car li dak il-Mandat, elenkat fl-Artikolu 273 (b) ta' l-istess Kap 12, jista' jintuza biss "bis-sahha ta' titolu ezekuttiv". Issa l-Artikolu 253 tal-Kap 12 jghid li huma titolu ezekuttiv "is-sentenzi u d-digrieti tal-Qrati tal-gustizzja ta' Malta", u l-Artikolu 256 jghid li kull sentenza li tikkundanna lid-debitur ghall-hlas ta' somma likwida (kif inhu l-kaz in ezami) "hija ezegwibbli wara jumejn minn dakinhar li tinghata". L-Artikolu 266 (1) ta' l-istess Kap 12 jiddisponi, pero`, li hlief fil-kazijiet imsemmija fl-Artikolu 267, "sentenza li ma tikkostitwix gudikat ma tkunx esegwibbli kemm-il darba, fuq talba tal-parti interessata, dik is-sentenza ma tkunx giet dikjarata mill-Qorti li tkun ezegwibbli provvizorjament". Is-sentenza li nghatat fil-kawza bejn il-partijiet fis-26 ta' Gunju, 2001, mhiex wahda minn dawk li l-ligi, fl-Artikolu 267 tal-Kap 12, tqies bhala dejjem esegwibbli provvizorjament u lanqas, milli jidher, ma gie dikjarat fis-sentenza li dik kellha tkun esigwibbli provvizorjament.

"Il-konvenut (attur fil-proceduri l-ohra) ma setax, allura, jissokta bl-esekuzzjoni tas-sentenza tas-26 ta' Gunju, 2001, qabel ma' din tikkostitwixxi gudikat, u meta jigi intavolat appell minn sentenza ta' l-ewwel grad, dik is-sentenza ma jkollhiex in-natura ta' gudikat.

"Kuntrarjament ghal dak li allega l-konvenut fil-verbal tal-15 ta' Marzu, 2002, mill-atti jirrizulta car li hu ipproceda ghall-esekuzzjoni tas-sentenza tas-26 ta' Gunju, 2001

wara li kien gie intavolat appell minnha. L-appell mis-socjeta` attrici gie pprezentat fit-13 ta' Lulju, 2001, u l-appelli introdotti jigu registrati fir-Registru dak in-nhar stess li jidhlu, u kwindi, l-konvenut, b'semplici ricerka sommarja fir-Registru, seta' facilment sar jaf bl-appell. Oltre dan, il-konvenut kien gie avvzat, b'ittra li bghatitlu s-socjeta` attrici fil-5 ta' Lulju, 2001, li hi kienet behsiebha tappella mis-sentenza tas-26 ta' Gunju, 2001 u, allura, meta ressaq ir-Rikors ghall-esekuzzjoni tas-sentenza, u dana fis-16 ta' Lulju, 2001, il-konvenut kien jaf jew messu kien jaf li kien gie intavolat appell. Dak l-appell, kif inghad, issospenda [l-esegwibilita`] tas-sentenza tas-26 ta' Gunju, 2001, u kwindi kull procedura esekuttiva li ttiehdet a bazi ta' dik is-sentenza, li ma kinitx ghadha tikkostitwixxi gudikat, kellha titwaqqaf mill-kreditur.

"Is-socjeta` attrici qed titlob li jigi dikjarat li l-proceduri tas-subasta numru 48/2001 immnieda mill-konvenut huma nulli peress li, meta gew prezentati, ma kien jezisti ebda titolu esekuttiv. Din il-Qorti tifhem, pero`, li, fil-waqt li sentenza ta' l-ewwel grad tikkostitwixxi dejjem titolu esekuttiv, l-appell interpost, ma jhassarx it-titolu esekuttiv, izda biss jissospendi l-esegwibbilita` taghha pendenti l-appelli. Peres li, allura, titolu esekuttiv kien hemm meta gie presentant [recte: presentat] ir-rikors ghas-subbasta, ma tistax tghid li dak ir-rikors huwa null u bla effett. L-effetti ta' dak ir-rikors kellhom, kif fil-fatt gew, sosptizi pendenti l-appell, izda r-rikors ipprezentat fis-16 ta' Lulju, 2001, ma jistax jitqies null. Sentenza, darba li tinghata, tikkostitwixxi dejjem titolu esekuttiv u tista' tigi enforzata wara jumejn li tinghata; jekk, pero`, jigi introdott appell minn dik is-sentenza, l-esegwibilita` taghha tigi sospiza, u kull procedura li tkun ittiehdet in esekuzzjoni ta' dik is-sentenza trid tigi sospiza sakemm dik is-sentenza ssir gudikat, cioe`, sakemm tinghata sentenza definittiva mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Hekk kif l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell taghti s-sentenza finali taghha u tikkonferma s-sentenza li nghatat fl-ewwel grad, dik is-sentenza issir gudikat u l-proceduri esekuttiv li jkunu gew sospizi, jistghu, fuq talba tal-kreditur jitkomplew sal-ezitu taghhom.

“Fil-fatt, fil-mori ta’ din il-kawza, gara li l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ikkonfermat is-sentenza li kienet tat din il-Qorti fis-26 ta’ Gunju, 2001, kwindi l-konvenut, jekk igib din ic-cirkustanza a konjizzjoni tal-Qorti li ssospendiet il-procedura tas-subasta, jista’ jkompli bil-procedura li imnieda bir-Rikors li jgib in-numru 48/2001.

“Ma jidhirx, ghalhekk, li kien hemm lok ghal din il-kawza. Il-konvenut kien legalment korrett (ghalkemm, forsi, mhux prudenti) meta pprezenta r-rikors tieghu fis-16 ta’ Lulju, 2001, u darba s-socjeta` attrici kienet interponiet appell mis-sentenza ta’ l-ewwel grad, kellha d-dritt, kif fil-fatt ghamlet, titlob is-sospensjoni tal-proceduri pendenti l-appell. Il-proceduri fil-fatt, gew debitament sospizi, u issa li l-appell gie definit, il-proceduri imnieda jistghu fuq talba tal-konvenut, jissoktaw.

“Il-proceduri tas-subasta numru 48/2001 ma jistghux jigu dikjarati nulli u bla effett ghax, fil-ligi, ma humiex, izda, fic-cirkostanzi kellhom, kif fil-fatt gew, sospizi.”

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija nkwantu ordnat li l-ispejjez tal-kawza jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet. Ghalhekk b’rikors ipprezentat fid-9 ta’ April, 2003 interpona appell lil din l-Qorti u talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-20 ta’ Marzu, 2003 fejn cahdet it-talbiet attrici, dik l-istess sentenza tigi revokata limitatament fejn ipprovdiet dwar l-ispejjez ta’ l-kawza billi jigi dikjarat li l-ispejjez kollha ta’ dik il-kawza ghandhom jigu sopportati kollha kemm huma mis-socjeta` Heritage Estates Limited, u dana bl-ispejjez ta’ l-istess appell.

Fis-26 ta’ Mejju, 2003 l-appellant gie notifikat bl-avvis a tenur ta’ l-Artikolu 209 u 249 tal-Kap 12 u hemm gie mitlub li, in garanzija ghall-ispejjez tal-kawza, d-depozitu li kellu jaghmel kien jammonta ghas-somma ta’ LM539.00. L-appellant hassu aggravat b’din il-likwidazzjoni u ghalhekk b’rikors intavolat fl-10 ta’ Novembru, 2003, filwaqt li rrileva li l-appell tieghu kien biss jikkoncerna l-ispejjez u mhux il-

meritu tal-kawza, u li ghalhekk l-ammont li gie mitlub jhallas "**jmur kontra id-disposizzjonijiet tat-taxxa, u partikolarment ghall-klawsoli 15 tat-Tariffa E, ammessa** [recte: annessa] **mal-Procedura**", talab li din l-Qorti tikkonsidra li tirrivedi t-tassazzjoni ghall-kawtela ta' l-appell fuq indikata, billi tordna li l-istess kawtela ghandha biss tirrigwarda l-punt ta' dritt ta' l-ispejjez, u konsegwentement tawtorizza ir-rifuzjoni lilu ta' l-ammontare zejjed li huwa gie mgieghel li jhallas.

Fl-udjenza tal-11 ta' Novembru, 2003 din il-Qorti, wara li rat ir-rikors fuq imsemmi ordnat li kopja tieghu tigi minnufih komunikata lir-Registratur tal-Qorti u dan inghata sal-24 ta' Novembru biex permezz ta' Nota dettaljata jindika kif wasal ghall-figura ta' LM539 bhala l-ammont tal-kawtela.

B'nota pprezentata fl-24 ta' Novembru 2003 ir-Registratur tal-Qrati pprezenta r-risposta tieghu fejn gie sottomess is-segwenti:-
"Il-paragrafu 4(2) tat-Tariffa A ta' Skeda A, li a bazi tieghu inhadment it-taxxa tad-dritt tar-registru tal-Prim Istanza, zdied b'terz b'applikazzjoni tal-paragrafu 3(5) ta' l-stess Tariffa. Jigifieri LM257 u terz tieghu (LM86), ammontanti ghal LM343.

"Skond il-paragrafu 15, li a bazi tieghu ukoll inhadmet it-taxxa tad-dritt ta' l-avukat tal-Prim Istanza, abbinat mal-paragrafu 38 tat-Tariffa E ta' l-Iskeda A, id-drittijiet jizdiedu wkoll b'terz. Jigifieri LM110 u terz tieghu (LM37), ammontanti ghal LM147, flimkien ma' terz ta' LM147 dritt tal-prokuratur legali, ammontanti b'kollox ghal LM196.

"Id-dritt totali ghalhekk huwa fis-somma ta' LM539 (LM343 u LM196).

"Skond prassi kostanti, l-esponenti japplika din il-procedura biex, skond l-Artikolu 249 tal-Kap 12, jistabilixxi l-kawtela."

Fl-udjenza tat-2 ta' Dicembru, 2003 wara li d-difensuri tal-kontendenti ttrattaw ghal darb'ohra l-kwistjoni ta' l-ammont

tal-kawtela, din il-Qorti pprovdiet preliminarjament fuq it-talba maghmula mill-appellant fir-rikors tieghu tal-1 ta' Dicembru, 2003 (fejn talba li jinghata l-fakolta` li jressaq bhala xhud lil Dottor Victor Borg Grech, gia` Registratur tal-Qrati ghall-perjodu konsiderevoli, biex jispjega kif ghandu jigi ntaxxat l-ammontar li ghandu jigi depozistat bhala kawtela f'appell li jikkoncernaw biss il-kap ta' l-ispejjez) bil-mod segwenti:-

"1. tordna lir-Registratur jispjega ghala u kif il-paragrafu 3(5) tat-Tariffa 'A' japplika ghall-paragrafu 4(2) ta' l-istess tariffa, meta l-paragrafu 3(5) jirreferi esklussivament ghad-drittijiet stabbiliti fil-paragrafu 3(1);

"2. Tordna lill-appellant sabiex jesebixxi prospett li jindika kif, skond hu, ghandha tigi kalkolata l-kawtela, u dan b'riferenza ghad-disposizzjonijiet specifici fit-Tariffa 'A' u 'E' ta' l-Iskeda A tal-Kap 12;

"3. Tordna lill-appellant jindika l-gurisprudenza li rrifera ghaliha, fis-sens li l-Qorti ta' l-Appell tista' tordna lir-Registratur ivarja l-ammont tal-kawtela minnu determinata."

In adempiment ta' l-ordni lilu moghtija, r-Registratur tal-Qorti, fl-10 ta' Dicembru, 2003 pprezenta nota fejn spjega s-segwenti:

"L-esponenti jirrileva illi qabel il-promulgazzjoni tar-regolamenti ta' l-2000 dwar drittijiet li jithallsu fir-Registri tal-Qrati, id-dritt kemm tar-Registru (u anke ta' l-avukati) fl-istadju ta' appell kien jizdied b'terz.

"Dwar id-dritt tar-registru ir-regolamenti ta' l-2000 zammew din il-procedura rigwardanti valur stabbilit (Tariffa A, paragrafu 3(5) *vis-à-vis* paragrafu 3(1)).

"Dwar valur li ma jkunx cert jew likwidu (Tariffa A, paragrafi 4(1) u (2) ma hemmx provvediment simili ghall-paragrafu 3(5).

"Fil-kaz odjern id-deputat registratur fl-istadju ta' appell intaxxat dritt fir-rigward tal-paragrafu 4(2) b'analogija mal-paragrafu 3(5) *vis-à-vis* paragrafu 3(1), presumibilment

biex tinzamm uniformita`, gja ezistenti precedentement fir-rigward ta’ valuri stabbiliti u incerti jew illikwidi, u biex jekk kien hemm *lapsus* fir-rigward tal-paragrafu 4, dan ikun kopert.

“Diversament, il-ligi tidher li qed tiddistingwi bejn dritt fuq valur stabbilit b’zjieda ta’ terz u dritt fuq valur mhux cert jew likwidu minghajr zjieda ta’ terz. Ghalhekk isegwi li l-ammont ta’ tlett mija u tlieta u erbghin lira (LM343) ikun irid jonqos b’terz.”

B’nota pprezentata fit-13 ta’ Jannar, 2004 l-appellant, in ottemperanza mad-digriet ta’ din il-Qorti tat-2 ta’ Dicembru, 2003, irrileva li fi grad ta’ appell l-intaxxar tad-drittijiet huwa regolat, ghal dak li jirrigwarda r-registru bil-para 3(5) tat-tariffa A, u ghal dak li jirrigwarda d-dritt ta’ l-avukat bit-Tariffa E, dejjem ta’ l-iskeda A annessa mal-Kap 12. L-appellant kompla biex iddistingwa dak li jsir, jew huwa mistenni li jsir mir-Registratur, meta l-appell jikkoncerna revoka tas-sentenza appellata jew meta l-istess appell huwa limitat ghar-riforma ta’ sentenza moghtija in Prim Istanza, u zied jghid hekk:

“Tinqala’ diffikulta` fil-kaz ta’ talba ghal riforma ta’ sentenza fejn isir biss appell <u>mill-kap ta’ l-ispejjez</u> (sottolinear ta’ din il-Qorti). Fl-ewwel istanza l-kap ta’ l-ispejjez ma jigix intaxxat ghax huwa accessorju u konsegwenzjali ghall-ezitu tad-domanda principali meritu tal-kawza. Hawnhekk minn ikollu jintaxxa d-dritt fl-appell jew jikkalkola l-kawtela ghall-fini ta’ l-appell ma jkollux gia’ lest l-ammont tal-prima istanzali jizdied b’terz.

“Appell mil-kap ta’ l-ispejjez ma jimportax trasferiment ta’ interess finanzjarju, imma jimporta biss dikjarazzjoni dwar kif ghandhom jigu sopportati l-ispejjez tal-kawza fid-dawl ta’ dak li jkun gie deciz fil-meritu u li ma jkun bl-ebda mod kontestat u appellat. Bhala decizjoni li ma tirrigwardax valur determinat jew determinabbli, taqa’ biex tigi konsidrata bhala punt ta’ ligi ghal fini ta’ tassazjoni skond l-imsemmija tariffi.

“Sa meta dahlu fis-sehh l-emendi radikali li saru fit-tariffa A, *ibid.*,[1] rigwardanti drittijiet tar-registru, sija fit-tariffa A kemm fit-tariffa E kienu jezistu zewg paragrafi applikabbli.

“Fit-tariffa A kien hemm paragrafu numru 10 li kien jaqra hekk:

Ghal kull dikjarazzjoni mehtiega f’sentenza minn…..LM2.00,0
Sa….LM25.00,0

“Fit-tariffa E kien hemm, u ghad hemm, para. Numru 15(a) li jaqra hekk

Ghal kull dikjarazzjoni ohra mehtiega li jkun fiha d-decizjoni ta’ xi punt ta’ ligi jew ta’ fatt, minn…….LM10.00,0
Sa……LM100.00,0

“Appell mill-kap ta’ l-ispejjez kien jigi ntaxxat u l-kawtela kkalkolata bl-istess mod, billi lid-dikjarazzjoni dwar l-ispejjez jinghata valur fil-parametri ta’ hawn fuq u mieghu jizdied it-terz preskritt mit-tariffa.

“Filwaqt li l-inciz numru 15(a) baqa’ jidher u effettiv fit-tariffa E vigenti, l-para. Numru 10 gie mnehhi mit-tariffa A prezenti, u jidher sostitwit bit-tieni paragrafu tal-paragrafu 3(1) li jaqra:

*“Izda d-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafu (a) sa (f) ta’ dan il-paragrafu ghandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni, li tista’ tkun mehtiega, u kull digriet li jinghata f’kawza sas-sentenza finali.”*

“Jidher li l-awtur tat-tariffa A vigenti kien konsapevoli li jista’ jkun hemm dikjarazzjonijiet f’sentenza li huma accessorji u konsegwenzjali ghad-domanda principali, kif inhi d-dikjarazzjoni dwar l-ispejjez, u wera certa logika, pero` jidher ukoll, u dan jinghad bir-rispett kollu, li ma kienx edott bizzejjed mill-mekkanizmu tat-tassazzjoni. Bil-

[1] Skeda A, annessa mal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12.

fatt li tnehha d-dritt tar-registru ghal “dikjarazzjonijiet mehtiega f’sentenza”, gieb li issa ebda dritt ma jista’ jigi moghti ghal dikjarazzjoni simili fl-appell ghaliex jekk fl-ewwel istanza d-dritt ma jistax ikun hlief zero, billi fl-appell izzidlu terz mieghu xorta wahda jibqa’ zero.

“Indipendentement minn istruzzjonijiet li setghu gew moghtija lid-deputati registraturi u li s-sottoskritt ma jara l-ebda logika fihom u ghalhekk ma jistax jaqbel maghhom, is-sottoskritt huwa ta’ l-opinjoni li fil-kaz ta’ appell mill-kap ta’ l-ispejjez:

(a) Id-dritt ta’ l-avukat ghandu jigi ntaxxat billi jinghata dritt skond il-paragrafu 15(a) tat-tarfiffa E mizjud b’terz, kif intqal fuq, u
(b) L-ebda dritt ma jista’ jinghata lir-registru ghaliex dak li kien jista’ jigi ntaxxat gie mnehhi.”

Ukoll in adempjenza ta’ dak li gie ordnat lilu fid-digriet tat-2 ta’ Dicembru, 2003 u partikolarment fil-paragrafu (3) ta’ l-istess digriet, l-appellant ghamel referenza ghad-digriet ta’ din il-Qorti, kif dakinhar komposta, tad-19 ta’ Settembru, 1996 fil-kawza fl-ismijeit “David Jones noe v. Avukat Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici noe et.”

Jidher li s-socjeta` attrici appellata ma pprezentat ebda risposta ghall-appell principali tal-konvenut u llimitat ruhha ghall-sottomissjonijiet orali u dana anke fir-rigward tal-kwistjoni dwar il-quantum tal-kawtela, liema sottomissjonijiet, inkluzi dawk addizzjonali tal-konvenut appellant, saru fl-udjenza tat-8 ta’ Gunju, 2004 meta mbaghad il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tad-19 ta’ Novembru, 2004.

**Ikkunsidrat:**

**Fuq it-talba ghar-revizjoni tal-kawtela.**

L-Artikolu 249(2) tal-Kap 12 jipprovdi li l-garanzija ghall-ispejjez fil-proceduri fi stadju ta’ l-appell, li ghandha ssir u tigi depozitata fil-Qorti sa mill-anqas jum qabel ma jibda jinstama’ dak l-appell, ghandha tkun “fis-somma stabbilita

mir-registratur”. Hija ghalhekk ir-responsabbilita` tar-Registratur li jistabilixxi x’ghandu jigi depozitat in kawtela ta’ l-ispejjez ta’ l-appell ghall-prosegwiment tal-proceduri fi stadju ta’ l-appell billi, fl-eventwalita` li s-somma hekk dikjarata dovuta, ma tigix depozitata kif previst, l-appell jigi dikjarat dezert. B’dana kollu l-Artikolu 1004(1) tal-Kap 12 jipprovdi li “L-ispejjez ghandhom jigu ntaxxati u mhallsa skond it-Tariffi fl-Iskeda A li tinsab ma dan il-Kodici u skond regolamenti maghmula mill-Ministru responsabbli ghal gustizzja taht dan l-Artikolu.” Isegwi li fl-ezekuzzjoni ta’ dan l-inkarigu r-Registratur irid jikkonforma ruhu mal-ligi u kull possibilita` ta’ diskrezzjoni fl-iffissar ta’ l-ammont li ghandu jigi depozitat mill-parti li tappella hija ezkluza nkwantu li Skeda A annessa mal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandha tkun il-mizura li biha jigi stabbilit ezattament dak li ghandu jigi depozitat.

Fil-kaz in ezami l-appellant qed jikkontesta l-likwidazzjoni tas-somma li gie mitlub jiddepozita mir-Registratur, liema somma huwa ddepozita, bhala garanzija ghall-ispejjez ta’ l-appell intavolat mis-sentenza fuq imsemmija. Billi jidher li ma hemm ebda disposizzjoni partikolari li tirregola sitwazzjoni simili u ma saret ebda opposizzjoni mill-kontro parti ghat-talba tal-konvenut appellant kif hawn fuq riportata, fl-interess tal-gustizzja u biex jigi determinat jekk effettivament it-taxxa mahruga mir-Registratur kienitx konformi mal-provvedimenti partikolari applikabbli fl-Iskeda A, din il-Qorti pprocediet kif inghad hawn fuq billi talbet kemm lir-Registratur kif ukoll lill-konvenut appellant jispjegaw, permezz ta’ noti, l-posizzjonijiet rispettivi taghhom. Is-socjeta` appellata ma intromettitx ruhha f’dan id-dibattitu billi, in gran parte, l-ilment ta’ l-appellant kien indirizzat lejn l-ammontar tad-dritt tar-registru li gie intaxxat ghall-fini tal-kawtela, liema ammont bl-ebda mod ma kien ser jolqot l-interessi ta’ dik il-parti. Din il-procedura tirrifletti dak li gara f’okkazzjoni ohra f’cirkostanzi simili meta, din il-Qorti kif dakinhar komposta, ma sabet ebda diffikulta` li tittratta talba maghmula mill-appellant fejn din il-Qorti giet mistiedna “*taghti dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa lir-Registratur fir-rigward tal-intaxxar tal-kawza ghall-fini ta’ l-ammont tal-kawtela li ghandha tigi depozitata in garanzija ta’ l-ispejjez ta’ dan l-*

*appell".*[2] F'dik l-okkazzjoni l-kawtela kienet giet originarjament mahduma fuq l-ammont ta' LM4,000,000 mentri finalment din il-Qorti ddecidiet li l-ammont tal-kawtela kellu jigi rivedut mir-Registratur a bazi ta' l-ammont ta' miljun lira (LM1,000,000) u konsegwentement ordnat li l-intaxxar tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Prim Istanza "*ghandu jigi – ghall-fini tad-determinazzjoni tal-kawtela – modifikat u mahdum fuq dan l-ammont.*"

Fil-verita` fil-kawza "Jones v. Dr. G. Mifsud Bonnici noe et" fuq imsemmija l-kwistjoni quddiem din il-Qorti kienet tikkoncerna l-valur in kawza fuq liema valur kellha ssir id-debita tassazzjoni in prim istanza u konsegwentement fl-istadju ta' l-appell. Mentri fil-kaz odjern, il-kwistjoni ma tikkoncernax il-valur in kawza billi ma sar ebda appell mid-decizjoni fil-meritu. Infatti l-appell tal-konvenut huwa limitat ghall-kap ta' l-ispejjez inkwantu l-konvenut hass ruhu aggravat bil-fatt li huwa gie kkundannat ihallas nofs l-ispejjez meta t-talba attrici giet michuda. B'dana kollu din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala sitwazzjoni simili ma ghandhiex ukoll tigi kunsiderata u deciza minn din il-Qorti partikolarment meta qed jigi allegat li l-provvedimenti tal-ligi kontenuti fit-Tariffi formanti parti mill-Iskeda A annessa mal-Kap 12, ma gewx applikati rigorosament.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fir-rikors promotur fuq il-kwistjoni sottoezami, il-konvenut appellant iddikjara li l-kawtela fl-ammont ta' LM539 li huwa gie mitlub jiddepozita tmur kontra d-disposizzjonijiet tat-taxxa, "*u partikolarment ghal-klawsoli 15 tat-Tariffa E, ammessa [recte – 'annessa'] mal-Procedura.*" Issa t-Tariffa E tipprovdi dwar id-drittijiet li jithallsu lill-Avukati, Prokuraturi Legali u Kuraturi " u l-klawsola numru 15(a) tistabilixxi l-ammont li ghandu jigi intaxxata lill-Avukat fil-parametri ta' minimu ta' LM10 u l-massimu ta' LM100 "*Ghal kull dikjarazzjoni ohra mehtiega li jkun fiha d-decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt.*" L-appellant ma jsemmix it-Tariffa A fl-Iskeda A fuq imsemmija u dana billi, kif jispjega aktar fid-dettal fin-nota tieghu tat-13 ta' Jannar,

[2] Digriet tad-19/09/96 moghti mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "David Jones et noe v. L-Avukat Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici nomine et".

2004, bl-emendi li dahlu fis-sehh relattivi ghat-Tariffi formanti parti mill-Iskeda A, u li huma applikabbli ghall-kaz in ezami, filwaqt li l-Klawsola 15(a) tat-Tariffa E ghadha hemm u din tirregola d-drittijiet ta' l-avukati, il-Klawsola 10 ta-Tariffa A, li kienet tistabilixxi d-drittijiet li jithallsu lir-registru b'minimu ta' LM2 u massimu ta' LM25, ghal *kull dikjarazzjoni mehtiega f'sentenza*" giet imnehhija u, jissottometti l-appellant, "*jidher sostitwita bit-tieni paragrafu tal-paragrafu 3 (1) li jaqra: "Izda d-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafi (a) sa (f) ta' dan il-paragrafu ghandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni, li tista' tkun mehtiega, u kull digriet li jinghata f'kawza sas-sentenza finali.*" Ghalhekk qed jigi sottomess mill-appellant li fic-cirkostanzi prezenti bir-regolament vigenti fil-kaz ta' appell mill-kap ta' l-ispejjez:

(A) id-dritt ta' l-avukat ghandu jigi ntaxxat billi jinghata dritt skond il-paragrafu 15(a) tat-tariffa E mizjud b'terz, kif intqal fuq, u

(B) l-ebda dritt ma jista' jinghata lir-registru ghaliex dak li kien jista' jigi ntaxxat gie mnehhi.

Fin-nota spjegattiva pprezentata fl-10 ta' Dicembru, 2003 jidher li r-Registratur qieghed jaqbel fis-sustanza ma dak li gie sottomess mill-konvenut appellant billi jghid hekk:

"L-esponent jirrileva illi qabel il-promulgazzjoni tar-regolamenti ta' l-2000 dwar drittijiet li jithallsu fir-Registri tal-Qrati, id-dritt kemm tar-Registru u anke ta' l-avukati fl-istadju ta' appell kien jizdied b'terz.

"Dwar id-dritt tar-registru ir-regolamenti ta' l-2000 zammew din il-procedura rigwardanti valur stabbilit (Tariffa A, paragrafu 3(5) *vis-à-vis* paragrafu 3(1)).

"Dwar valur li ma jkunx cert jew likwidu (Tariffa A, paragrafu 4(1) u (2) ma hemmx provvediment simili ghall-paragrafu 3(5)).

"Fil-kaz odjern id-deputat registratur fl-istadju ta' l-appell intaxxat dritt fir-rigward tal-paragrafu 4(2) b'analogija mal-paragrafu 3(5) *vis-à-vis* paragrafu 3(1), presumibilment biex tinzamm uniformita`, gja ezistenti precedentement fir-rigward ta' valuri stabbilti u incerti jew illikwidi, u biex, jekk

kien hemm *lapsus* fir-rigward tal-paragrafu 4, dan ikun kopert.”

Finalment l-istess Registratur jikkoncedi s-segwenti:-
“Diversament, il-ligi tidher li qed tiddistingwi bejn dritt fuq valur stabbilit b’zjieda ta’ terz u dritt fuq valur mhux cert jew likwidu minghajr zjieda ta’ terz. Ghalhekk isegwi li l-ammont ta’ tlett mija u tlieta u erbghin lira (LM343) ikun irid jonqos b’terz.”

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa id-disposizzjonijiet relevanti tat-Tariffa A u Tariffa E ta’ l-Iskeda A annessa mal-Kodici ta’ Oragnizzazzjoni u Procedura Civili u hija tal-fehma li bhala rizultat ta’ l-emendi introdotti fl-2000 inholtqot lakuna billi, fejn qabel t-tariffa A kienet tipprovdi ghall-intaxxar ta’ kwalunkwe dikjarazzjoni mhux necessarjament marbuta mal-meritu tal-kawza, bl-imsemmija emendi, li effettivament ziedu d-drittijiet tar-Registru fuq il-meritu proprju, d-drittijiet fuq dikjarazzjonijiet jew digrieti gew koperti bid-drittijiet li jigu intaxxati fil-paragrafi (a) sa (f) tal-klawsola (3) tat-Tariffa A – li jikkoncernaw il-meritu. B’hekk gara li fil-komputazzjoni tat-taxxa ghall-fini tad-dritt tar-registru, r-Registratur issa jhares biss lejn l-meritu proprju, u jezigi d-drittijiet kontemplati fil-klawsola 3(1) meta l-ammont ikun cert, b’zieda ta’ terz a tenur tal-paragrafu (5) ta’ l-istess klawsola f’kaz ta’ appell, jew dawk li jissemmew fil-klawsola 4(2) meta l-valur jibqa’ mhux cert u mhux likwidu, u ma jigi intaxxat ebda dritt iehor.

Dan, ghalhekk, huwa l-*lapsus* li korrettament jirravviza r-Regsitratur fin-nota spjegattiva tieghu. Pero` din il-Qorti jidhrilha li tali lapsus ma jistax jaghmel tajjeb ghalih ir-Registratur billi japplika l-klawsola 4(2) b’analogija mal-paragrafu 3(5) *vis-à-vis* paragrafu 3(1). Dana ghaliex fejn qabel kien hemm provvedimenti partikolari li jahsbu ghall-intaxxar ta’ dikjarazzjonijiet, illum dan il-provvediment twarrab. Isegwi li, kif sewwa osserva l-konvenut appellant, f’kazi ta’ appelli minn dikjarazzjoni dwar kif ghandhom jinqasmu l-ispejjez bejn il-partijiet, inkwantu tali dikjarazzjoni ma tikkoncernax il-meritu, ir-Registratur ma ghandu ebda provvedimenti fuq xhix jista’ jistrih u fic-

cirkostanzi ghall-tali appell ma jistax jigi ntaxxat dritt tar-registru. Fir-rigward tad-dritt ta' l-avukat u l-prokuratur legali, xorta wahda ghandha tapplika l-klawsola 15(a) tat-Tariffa E formanti parti mill-Iskeda A annessa mal-Kap 12.

Ir-Registratur huwa ghalhekk ordnat li jirregola ruhu bil-mod kif inghad hawn fuq u jawtorizza r-rifuzjoni lill-konvenut appellant ta' kull eccess minnu depozitat li jmur kontra dan il-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-meritu ta' l-appell u cioe` jekk ghandhiex tigi revokata dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ipprovdiet dwar il-kap ta' l-ispejjez billi din il-Qorti tordna li dawn ghandhom jigu sopportati kollha mis-socjeta` attrici appellata, din il-Qorti filwaqt li tapprezza l-aggravju ta' l-appellant, billi mhux normali li parti li terbah l-meritu tigi ordnata li thallas parti mill-ispejjez, fic-cirkostanzi tal-kaz sottoezami din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravju ma huwiex gustifikat. Dan ghaliex ghalkemm l-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici u b'hekk ma iddikjaratx null u bla effett l-proceduri tas-subbasta billi iddikjarat li l-konvenut kien legalment korrett meta intavola r-rikors tieghu ghall-imsemmija proceduri, l-istess Qorti osservat li tali azjoni tal-konvenut appellant (gja attur fil-proceduri 771/01) ma kinitx "prudenti" partikolarment meta huwa fil-5 ta' Lulju, 2001, u cioe` cirka 10 tijiem qabel ma ipprezenta r-rikors ghall-proceduri tas-subbasta, kien gie infurmat li kien ser jigi prezentat appell mis-sentenza tas-26 ta' Gunju, 2001. Inoltre, ghalkemm kif sewwa jghid il-konvenut appellant, ittra ma tammontax ghall-appell, mill-banda l-ohra kif sewwa osservat il-Qorti ta' prim istanza, "*b'semplici ricerka sommarja fir-Registru,*" l-konvenut appellant seta' facilment sar jaf bl-appell. Din il-Qorti tikkondividi l-hsieb ta' l-ewwel Qorti li jidher li wassalha biex tipprovdi, kif ipprovdiet, fuq il-kap ta' l-ispejjez. L-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, apparti dak li pprovdiet fuq l-kwistjoni tal-kawtela ghall-ispejjez ta' l-appell, tichad l-appell tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------